Minuti tal-Laqgħa Nru. 5 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Lulju 2007 fis-1.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila (ħa postu fis-1.45 p.m.)<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M.<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Is-Sur Joe Camilleri |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Approvazzjoni ta' l-Estimi Finanzjarji 2006/2007
4. *Managment Letter*
5. Korrispondenza
6. Ħlasijiet

Kunsill Lokali - Luqa - Local Council
49, Triq San Pawl
Luqa LQA 03

LUQA

- Fil-bidu tal-laqgħa l-Kunsill osserva minuta silenzju b'turija ta' rispett u solidarjeta' mal-Kunsilliera Lucia Massa għat-telfa ta' oħtha. Min-naħa tagħha s-Sinjura Massa irringrazzjat lill-Kunsill (f'isimha u f'isem il-familja tagħha) għas-solidarjeta' li wera magħha.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 4 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joe Scicluna ssekondata mill-Kunsilliera Luċia Massa.

**2. REFERENZI GĦALL-MINUTI**

2.1 Is-Sur Caruana qal li kien kellem lill-Kuntrattur li ħadem fi Triq Gwann Mamo u għamel ħsara fil-bankini. Il-Kuntrattur kien Andrew Scicluna li qal li lest jirranġa l-ħsara li kien għamel fil-bankini.

2.2 Meta s-Sur Caruana staqsa jekk inkitbitx l-ittra biex issir laqgħa mad-Direttur tad-Direttorat tat-Traffic Management, is-Sindku wieġeb li ma kelliex għalfejn tinkiteb ittra għax hu (is-Sindku) kellu laqgħa magħha u qaltlu li t-'time-zone-limit' għal Triq Gianni Vassallo kienet ġiet approvata.

**3. APPRVAZZJONI TA' L-ESTIMI FINANZJARJI 2006/2007**

3.1 Fl-introduzzjoni għal dan is-suġġett, is-Sindku stieden lis-Sur Joseph E. Scerri, ta' Degiorgio, Scerri & Co., l-Awdituri tal-Kunsill maħturin mill-Gvern Ċentrali, biex jispjega l-aġġustamenti li saru fil-Financial Statements tal-Kunsill għas-sena 2006/2007.

3.2 Is-Sur Joseph Scerri, li mexxa l-eġerċizju ta' l-Uditjar, qal li l-aġġustamenti li saru kienu meħtieġa peress li mill-1 ta' April 2006 il-Kunsill kien daħal fis-sistema tal-pooling. Kompla billi spjega l-prinċipji ta' din is-sistema li minħabba fiha l-Kunsill kellu jagħmel tibdil fl-*accounting system* tiegħu. Peress li dan it-tibdil ma kienx sar, allura kellu jsir issa. Minħabba dan it-tibdil, is-Surplus Finanzjarju tal-Kunsill naqas minn dak li kien qed jidher fl-Estimi oriġinali tal-Kunsill.

3.3 Wara li saru xi domandi li għalihom wieġeb is-Sur Scerri, is- Sindku John Schembri ressaq l-Estimi Finanzjarji ta' 2006/2007 kif aġġustati mill-Awditur għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati b'erba' (4) voti favur, wieħed (1) kontra (Victor Caruana) u astensjoni waħda (Frank Psaila). Dan ta' l-aħħar stqarr li kien qed jastjeni peress li dawn l-Estimi huma ta' sena meta ma kienx jagħmel parti mill-Kunsill.

**4. MANAGEMENT LETTER**

4.1 Is-Sindku qal li bħalma jsir kull sena, flimkien mar-rapport ta' l-Awditru niġu ffaċċjati bil-Managment Letter li filwaqt li tagħmel xi rimarki fuq l-operat tal-Kunsill, tagħmel ukoll ir-rakomandazzjonijiet tagħha għal titjib f'dan l-operat.

LUQA

4.2 Wara li qara l-Ittra ta' Direzzjoni u t-twegiba tiegħu (tas-Sindku) għal din l-istess ittra, din ġiet approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Is-Sindku ta' resume tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-13 ta' Lulju 2007, fosthom :

a) Ittra mingħand Dr Borg Costemzi dwar rimi ta' skart u ngenji fil-Qasam Industrijali. Il-Kunsill qabel li jitlob Dr Borg Constenzi jindirizza l-ilment tiegħu lill-Malta Industrial Parks li taħthom jaqgħu l-Oqsma Industrijali.

b) E-mail mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li tinforma lill-Kunsilli bil-ħatra tas-Sur Jimmy Magro bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni.

- Hawnhekk il-Viċi Sindku Joseph Scicluna fakkar lill-Kunsillieri bil-ħarġa kulturali għal Għawdex għal nhar il-Ħamis, 19 ta' Lulju 2007 u li min kien interessat li jmur għandu jinforma l-Amministrazzjoni sat-Tlieta, 17 ta' Lulju.

- Hawnhekk il-Kunsillier Joseph Piscopo staqsa jekk huwiex possibbli li l-Kunsillieri jibdew jingħataw refund ta' l-ispejjez li jkunu għamlu fuq telefonati billi jingħataw card kull xahar.

  Is-Sindku wieġeb li huwa mhux kontra li jingħata dan ir-refund lill-Kunsillieri, għalkemm dan mhux skond ir-regolamenti li jingħataw card. Pero' huwa (is-Sindku) jemmen li l-Kunsillieri qegħdin jagħtu servizz volontarju u ma jkunx ġust li joħorġu l-flus minn buthom. Iżda jekk ikun hemm qbil unanimu, u kemm-il darba dawn l-ispejjeż jiġu ppruvati li tabilħaqq ikunu saru fuq xogħol tal-Kunsill, ir-refund għandu jingħata. Dwar din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

## 6. ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-13 ta' Lulju 2007 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-2.15 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum 22 ta' Awissu 2007.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |